



Brussell, 14 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13674/18
ADD 1

LIMITE

CSDP/PSDC 600
TRANS 483
COPS 391
EUMC 180
POLMIL 187

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Annessi għar-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha" - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Fir-rigward tal-Annessi għar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha, kif jinsabu fid-dokument 13674/18 bid-data tad-9 ta' Novembru 2018, AT hija mpenjata biex ittejjeb il-Mobbiltà Militari kif tinsab fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2018 u ħadet numru ta' passi fl-Awstrija f'dawn l-aħħar snin biex tiffaċilita il-mobbiltà militari.

Madankollu, fir-rigward tar-rekwiżiti militari għall-infrastruttura, l-awtoritajiet kompetenti fl-Awstrija jinsabu mħassbin dwar għadd ta' sfidi fundamentali fl-Annessi, b'mod partikolari r-rekwiżiti tekniċi li jinsabu fit-Tabelli 1.6 u 1.8 tal-Anness II, li jikkostitwixxu kumpilazzjoni ta' domandi massimi lil hinn mir-rekwiżiti eżistenti għan-Netzwerke trans-Ewropej meħtieġa biss għal frazzjoni tat-tagħmir eżistenti filwaqt li ma jieħdux kont tal-kunsiderazzjonijiet finanzjarji u tal-inġinerija kif ukoll tar-realtajiet ġeografiċi, b'mod speċjali dawk ta' pajjiżi prevalentement muntanjużi bħall-Awstrija.

Skont in-Nota Punt "I/A", b'mod partikolari l-Paragrafu 4, AT hija, għaldaqstant, tal-fehma li r-rekwiżiti tekniċi li jinsabu fit-Tabelli 1.6 u 1.8 tal-Anness II jipprovdu l-kontribut militari indikattiv u mhux preskrittiv għall-passi li jmiss previsti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari ta' Marzu 2018. Bħala konsegwenza, dan il-kontribut ma jikkonsisti fl-ebda obbligu għall-Istati Membri, kemm bil-ħsieb tal-immodernizzar ta' infrastruttura eżistenti tat-trasport kif ukoll/jew il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tat-trasport. Rigward il-kurituri tat-TEN-T li l-Awstrija elenkat bħala prijoritajiet għall-mobbiltà militari, l-Awstrija għandha l-għan li tissodisfa r-rekwiżiti tan-Netwerk TEN-T li jinsabu fir-Regolament (UE) 1315/2013 (Linji gwida TEN-T) sal-2030. Minħabba n-natura biss indikattiva ta' dan il-kontribut, ir-rekwiżiti tekniċi ser ikunu soġġetti għal eżami komprensiv, inkluż il-fattibbiltà, mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, filwaqt li jittieħed kont tat-tagħmir eżistenti u l-vijabbiltà teknika, il-kunsiderazzjonijiet finanzjarji u tal-inġinerija kif ukoll ir-realtajiet ġeografiċi. Fl-aħħar nett, id-dokumenti kollha dwar il-mobbiltà militari jridu jirrispettaw u jirriflettu bis-sħiħ is-sovranià u t-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura inkluż żvilupp u kostruzzjoni tal-infrastruttura, permessi tat-trasport u regolamenti tat-traffiku b'mod speċjali dwar kwistjonijiet ambjentali u tas-sikurezza.
